REFERENCE ONLY

# L-IDENTITA' EWROPEA: TEŻISTI?

Henry Frendo

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

L-identita' Ewropea teżisti? Jekk teżisti, x'inhi? Jekk ma teżistix, għaliex?

Illum ħafna mid-diskors dwar l-Ewropa, inkluż dak dwar l-identita' marbuta magħha jew mixtieqa għaliha, qiegħed ikun imsawwar fuq il-proġett ta' Ewropa magħquda. F'xogħol riċenti, antropologu Franċiż kiteb dwar l-'Homo Communautarius', umbgħad hu stess ikkwalifika ċerta tifsira tiegħu bħala "un veritable portrait-robot".[1]

Wieħed jifhem dan l-emfasi flimkien ma' din il-preokkupazzjoni fil-kuntest kontemporaneju. Pensatur ewlieni ta' żmienna, Edgar Morin, iddefinixxa lill-Ewropea bħala "kommunita' ta' destin" u wasal biex stqarr illi din "ma toħroġx minn passat li jikkontradiha; hija toħroġ mill-preżent tagħna għaliex huwa l-futur tagħna li jimponiha."[2]

Għalkemm xi ftit determinista żżejjed, dan hu argument kumpless u pertinenti għas-suġġett li għandna quddiemna. Huwa argument provokattiv, storiċista iżjed milli storiku. Lanqas naqbel li l-inċertezza dwar il-futur, kif qiegħed jingħad, tissorpassa lill-passat jew tirrendih refuġju. Il-passat għadda imma ma spiċċax: minkejja s-suppost deterrent nukleari, is-sigurta' llum toffri sfidi li ma rajniex bħalhom qabel; iżda fuq l-aġenda ta' l-umanita', is-sigurta' u d-difiża huma antiki daqs il-brodu. L-oriġinalita' ta' l-unita' Ewropea tinsab fil-mezz għall-evitar tal-gwerer bejn l-istati Ewropej, li tant kellna minnhom fil-passat: il-paċi permezz tar-riavviċinament u interessi mutwali meħjutin f'xulxin. L-idea li grupp ta' pajjiżi viċini jingħaqdu għal skopijiet ta' tariffi, ta' kummerċ u ta' nteressi reċiproċi oħrajn m'hijiex waħda ġdida għal kollox.

jew futurista

Apparti l-inklinazzjonijiet post-modernisti u dekostruttivi, parti mill-problematika f'dan id-diskors kontinentali kontemporaneju tistrieħ fuq kif l-individwalitajiet partikolari tan-nazzjonijiet li nħolqu fl-Ewropa tul iż-żmien jistgħu jew ma jistgħux jisfaw integrati f'entita' waħda akbar. Tistrieħ ukoll fuq interpretazzjoni negattivament monolitika, forsi nistgħu nsejħulha ewro-kontinentali, tan-nazzjonaliżmu jew xenofobia bħala "the dark side of Europe" (kif isejħilhom Geoffrey Harris fil-kritika tiegħu għall-estremiżmu lemini).[3] Bħal dak li qallu dak kien l-uniku ġeneru ta' nazzjonaliżmu esperjenzjat mill-Ewropej. Impliċitu f'din it-tipoloġija ta' diskors 'ewropeista' sikwiet jidher li hemm ukoll preponderanza tad-dimenzjoni ekonomika-kummerċjali u ġuridika-politika, imnebbħa

---

[1] Marc Abeles, 'Homo Communautarius' *f'Quelle identité pour l'Europe ?* (ed. Riva Kastoryano, Paris, 1998), p.48.

[2] Edgar Morin, *Penser l'Europe* (Paris, 1998, pp. 168-9), iċċitat wara Kastoryano, *ibid.*, p. 12.

[3] Geoffrey Harris, *The Dark Side of Europe: The Extreme Right Today* (Edinburgh, 1994 ed.)



260944

mill-infrastruttura neċessarja għall-bini ta' speċi ta' sopra stat ġdid - suq, kommunita', unjoni, federazzjoni. Bil-mod il-mod, dan il-proġett ambizzjus tassew qiegħed jibda jiġi identifikat ma' l-Ewropa nnifisha.

Liema Ewropa, allura? Qabel xejn huwa skorrett u illużorju li wieħed jirristringi l-Ewropa għal qafas ekonomiku, ġuridiku jew politiku. Anzi, nifhem li wieħed mill-iskopijiet ċentrali tal-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa, li bdiet tiltaqa' fi Brussel fix-xitwa tal-2002 għandu jkun proprju reviżjoni ta' din it-tendenza, fost ħwejjeġ oħra. Ovvjament, l-Ewropa ma bdietx fl-1957 mat-Trattat ta' Ruma. Lanqas bdiet fit-tieni dopoguerra, għalkemm f'dak id-diskors kien hemm element kulturali qawwi fost pensaturi bħal ma kienu, fost l-oħrajn, Salvador de Madariaga, Raymond Aron u Denis de Rougemont, li kienu misjuqa, għalkemm mhux dejjem spirati, mill-istorja ta' l-Ewropa u tal-bniedem.[4] Trawmatizzati kif kienu, fl-istorja raw il-potenzjal determinanti, mhux biss il-periklu qerriedi. Ma kienx refuġju faċli; kien qawmien kuraġġus. Din is-sena Franza qegħda tfakkar il-mitt sena mit-twelid ta' Andre' Malraux, katalista tal-kultura ewropea fit-teorija u fil-prattika, awtur fost l-oħrajn ta' *La condition humaine*, u esponent tal-liberazzjoni mill-ħakma totalitarja.

L-Ewropa madankollu ma kienitx u m'hijiex sempliċiment rakkont ta' ġrajjiet, wisq inqas hi primarjament kuxjenza ta' ġrajjiet politiċi, kif sfortunatament donnhom irrendewha l-fenomeni suppost 'popolari', disturbanti, allarmanti, tal-Bolxeviżmu, tal-Faxxiżmu u tan-Nażiżmu. L-ewwel 'iżmu' li faqqas minn dawn illum spiċċa wkoll, almenu fil-parti l-kbira ta' l-Ewropa, bl-eċċezzjoni rimarkevoli tal-Belarus f'idejn Lukachenko, li jgħodd mar-ripertorju nġenjus tiegħu tifħir pubbliku kemm għal Stalin kif ukoll għal Hitler.

Mingħajr ma mmorru lura għall-mitoloġija Griega, għarfien ta' dawk il-fatturi li bdew jiddistingwu lill-Ewropej, konxjament jew le, jeħodna lura sew fiż-żmien. Seħħew bosta bidliet, naturalment; iżda hemm għadd ta' nvenzjonijiet, sistemi, talenti, pjaċiri, xeħtiet u kontinwitajiet notevoli li baqgħu u għadhom ħajjin. Fil-milja taż-żmien, l-Ewropa ħadet xejra identifikabbli bħala forċina u residwu ta' forzi formattivi, krejattivi, li kienu distinti, kultant uniċi jew almenu seminali.

Dawn huma qabel xejn realtajiet kulturali f'sens wiesa'. Huma wkoll realtajiet li ntisġu ma' xulxin. Arnold Toynbee darba qal illi l-fruntiera ta' l-Ewropa kienet tispiċċa fejn kont tiltaqa' ma' l-aħħar kampnar Gotiku x'imkien fl-Ukraina. Fil-kliem ġeografikament u kulturalment ristrett tiegħu stampat fl-1957, L-Ewropej kienu,~~klienu~~:

*those inhabitants of the north-western peninsula of the Old World, and of the adjacent islands, who are ecclesiastical subjects of the Patriarchate of Rome; in other words we mean those Catholic and Protestant Christians who live in the north-western corner of the Old World.*[5]

---

[4] *L'Europe? L'Europe* (ed. Pascal *Ory*, Paris, 1998).

[5] Max Beloff, *Europe and the Europeans. An International Discussion* (Lond., 1957), p.7.

Ma' dan wieħed jista' jikkuntrasta veduti oħrajn bħal dik ta' Fernand Braudel, li jħares lejn il-Mediterran bħala sfera reġjonali għaliha minħabba l-kuntatti bejn ix-xtut ta' fuq u ta' isfel; il-baħar, fi kliem ieħor, mhux tant bħala xi ħaġa li tifred lill-Ewropa mill-Afrika iżda li tgħaqqadha. Il-Mediterran, skond Braudel, kien "is-somma tar-rotot tiegħu"; l-ibliet u l-kommunikazzjonijiet kienu mponew kostruzzjoni unmana unita fuq spazju ġeografiku.[6] Fl-istess ħin huwa jikteb ukoll dwar l-identita' ta' pajjiżu, Franza, li bl-espansjoniżmu tagħha fl-Afrika ta' Fuq ħolqot il-*pieds noirs*, fost l-oħrajn.[7] Il-poeta Thomas Hardy, li għex fi żmien l-Imperu Ngliż u emmen f'reliġjon għalih, kellu viżjoni iżjed 'globali', hekk kieku nsejħula llum, meta lejliet l-ewwel gwerra mondjali f'poeżija li semmieha 'His Country' huwa kanta odi idealista lid-dinja u lill-umanita', għaliex fil-vjaġġi tiegħu kien sab li n-nies kienu kullimkien l-istess:

*I journeyed from my native spot*
*Across the south sea shine,*
*And found that people in hall and cot*
*Laboured and sufferred each his lot*
*Even as I did mine.*

*Thus noting them in meads and marts*
*It did not seem to me*
*That my dear country with its hearts,*
*Minds, yearnings, worse and better parts,*
*Had ended with the sea.*

.........................

*I asked me: 'Whom have I to fight,*
*And whom have I to dare,*
*And whom to weaken, crush and blight?*
*My country seems to have kept in sight*
*On my way everywhere.*

Jibqa' l-fatt li l-Kristjaneżmu serva ta' benniena, benniena mhux dejjem ħanina, għas-sens ta' Ewropeanita', speċjalment wara l-imperatur Kostantinu fis-seklu erbgħa W.K. Hekk kif għamlu qablu l-Elleniżmu u l-imperu Ruman f'diversi oqsma. Bejniethom ħallewlna taħlita ta' rikordji, ta' miżuri, ta' mirja - pagani, insara u saħansitra Ġudaiċi - taċ-ċiviltajiet li huma rrappreżentaw, iħokku ma' xulxin, waħda tirkeb fuq l-oħra, fuq il-kontinent, fil-gżejjer u l-kosti fl-ibħra ta' madwaru. Daż-żgur li kien hemm l-aspetti

[6] Fernand Braudel, *The Mediterranean and the Mediterranean World in the Age of Philip II* (tradott bl-Ingliż minn S. Reynolds, Lond., 1973), vol.1, pp.276-277.

[7] Ara l-edizzjoni speċjali ta' *Le Monde. Dossiers & Documents.* n.307, Mars 2002, '1954-1962: La guerre d'Algérie' u 'L'Algérie embourbée face à l'Islamisme'.

militari, politiċi u brutali, tant demm inxtered; imma l-immaġinazzjoni bdiet timraħ, tfittex, tiskopri, tissimbolizza, tidentifika; gew issinjalati kodiċi sagri u sekulari; inbnew u nfetħu t-toroq; Ateni, Ruma u Ġerusalemm saru punti ta' riferenza f'mixja twila, kultant mifxula, rallentata jew interrotta, u sikwiet imħarbta. Tul dawn is-sekli bikrija kellek mhux biss il-formazzjoni ta' stati nċipjenti bħal ma kienu Franza u l-Gran Bretanja; kellek forsi iżjed importanti minn dan il-ħoloq li ddammew bħall-lewlu bejn parti u oħra ta' l-Ewropa. Kellek istituzzjoni u kellek ħsieb li beda jsir ftit jew wisq rikonoxxibbli u mifrux għal ġnus varji. Ironikament, il-medjuevu fewdali kien ġeneralment iżjed magħġun u strutturat fl-idea ta' Ewropa - imperjali, ekkleżjastika u reliġjuża – minn sekli eqreb lejna.

Il-medjuevu jassumi rilevanza mhux żgħira fit-tħażżiż ta' identita' ewropea, almenu dik klassika. Insibu f'dak iż-żmien, mal-pellegrinaġġi u l-kruċjati, l-ewwel universitajiet f'Oxford, Pariġi, Pisa, forom ta' mużika u ta' kant, ta' arti u ta' kitba, anki ta' ħsieb, li baqgħu b'mod jew ieħor jorbtu f'kontinwitajiet mibdula ma' l-Ewropa li ġiet wara.[8] L-umaniżmu rinnaximentali fl-Italja u mkien ieħor skopra u rfina l-wirt tal-klassiċi, filwaqt li r-Riformazzjoni Protestanta in parti ċaħdet u in parti rridefiniet konswetudnijiet, superstizzjonijet u d-deġenerazzjoni materjalista li bdiet taħkem saħansitra lill-papiet. Qamu xiżmi jew dibattiti nterni li pero' kienu ffokati xorta waħda fuq tradizzjonijiet, xejriet u interessi jduru ftit jew wisq fuq l-istess fus: qabel xejn dawk bejn din nisrani u ieħor, interpretazzjoni u oħra, djalettika fir-rapport bejn is-sekulari u r-reliġjuż, l-individwu u l-kollettivita', il-fidi u x-xjenza, il-liġi u d-dritt, it-tajjeb u l-ħażin.

Tneħħi l-kilba għall-iskoperta ta' artijiet imbegħda, għat-teżor u d-dominju, l-ikbar konfront li tant għaġen lill-Ewropa sas-seklu tmintax kien dak bejn il-poteri Kristjani tal-Punent, u dawk Misilmin tal-Lvant. Qabel il-Gwerra l-Bierda li rajna fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin, kellna oħra ferm itwal - ideoloġika wkoll, imbuttata minn interessi u biżgħat territorjali u kummerċjali wkoll - ikkonċentrata aktar lejn in-naħa t'isfel ta' l-Ewropa milli lejn dik ta' fuq, iżjed Mediterranea, inqas kontinentali. Għal dawk il-ġenerazzjonijiet, ħafna qabel ma tfaċċa George W. Bush, l-assi tal-ħażen kien diġa' joriġina fl-artijiet Mawmettani, li ħakmu t-Terra Santa u espandew lejn il-Balkani u lejn is-sud fiċ-ċentru u l-punent ta' l-Ewropa, inkluża Spanja. L-Istati Uniti ta' l-Amerika ma kienux jeżistu. Wara l-Islam, kienu l-potenzi Ewropej individwali li espandew – l-Olanda, l-Ingilterra, Spanja, l-Portugall, Franza – li kabbru, ħakmu, fetħu, sfruttaw u f'xi aspetti 'mmodernizzaw' l-imperi.

In-nazzjonaliżmu li nibet kontriħom kien b'reżistenza għall-ħakma despotika barranija, għal dak li din kienet tfisser fl-agħar aspetti tagħha, kif urew kittieba introspettivi u mixgħufa bhal Fanon, Memmi, Mannoni, iktar riċentement Edward Said, u oħrajn.[9] F'dan

[8] Dwar il-'moħħ Ewropew', f'dan il-każ il-'kriżi' tiegħu f'tarf is-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax, ara x-xogħol ta' Paul Hazard, ippublikat bil-Franċiż f'Pariġi fl-1935 u wara tradott bl-Ingliż bħala *The European Mind.*

[9] Apparti t-testi nfushom, li huma magħrufin, ara veduta analitika ġenerali f'Peter Childs u Patrick Williams, *An Introduction to Post-Colonial Theory* (Lond., 1997).

is-sens, in-nazzjonaliżmu ta' l-ikkolonizzat - almenu għalissa - ma kellux x'jaqsam ma' dak tad-dittatur intern fi stat totalitarju. Kien hemm inħawi fejn min-nazzjonaliżmu eventwalment ħareġ il-kostituzzjonaliżmu liberali, u avvanzi progressivi li taħt ħakma kolonjali ma kienux possibbli. F'ħafna każi oħrajn, sfortunatament, bħal m'għadna kif rajna fiż-Żimbabwe taħt Mugabe, ġara bil-maqlub, għalkemm din ukoll storja twila.

Ħafna mill-pedamenti ewlenin ta' l-Ewropa kif nifmuha llum ħarġu fis-seklu sbatax u wara mill-kapitaliżmu, mill-urbaniżmu, mill-illuminiżmu, mill-pluraliżmu ekonomiku u politiku, mir-romantiċiżmu u n-nazzjonaliżmu liberali, mit-tneħħija taċ-ċensura, bl-istampa, il-qari, u aktar riċentement il-media 'tal-massa' li, bħall-kumpaniji multinazzjonali, assumiet setgħa straordinarja, bla fruntieri, li tillibera jew tjassar imma fuq kollox tikkmanda.

Il-ħjata ta' dan it-tessut, kif rivedut wara żewġ gwerer mondjali u wara iżjed minn ġenoċidju wieħed fis-seklu għoxrin, jikkostitwixxi t-tama tal-proġett grandjuż għall-Ewropa unita: paċifika, prospera, miftuħa, bi stati ridimensjonati, Ewropa fejn l-edukazzjoni bħad-demokrazija ikunu assigurati għal kulħadd, u fejn mill-passat jittieħed l-aħjar li pproduċiet l-Ewropa, f'nazzjon jew ieħor, epoka jew oħra, tagħha. Ewropa wkoll b'suq intern b'saħħtu li jista' jħabbatha ma' blokki ekonomiċi kbar fl-Amerika u fl-Asja. Ewropa li toffri kwalita' ta' ħajja assigurata u raffinata.

L-identita' kulturali klassika ta' l-Ewropa, sa fejn din qatt eżistiet bħala unita' – ix-*chanson*, il-Gregorjan u l-pop leġġer; l-orkestra, il-kunċert u l-opra; id-diversi ġeneri u stili identifikabbli ta' pittura, skultura, disinn, minn fażi għall-oħra; il-poeżija, ir-rumanz, u tant karatteristiċi oħra, Latini u Biżantini, hekk ukoll l-industrijalizazzjoni, ix-xjenza u t-teknoloġija – dan kollu hu parti mill-memorja kollettiva ta' dak li sar rikonoxxibbli bħala Ewropew, almenu fis-sentiment Ewropew meta dan kien jitqabbel ma' l-oħrajn: "the other".[10] Hekk knisja ma kenitx pagoda; lanqas kienet moskea; għad li s-sinagogi rreżistew kull tentattiv għat-tkeċċija dejjiema mill-qalba tal-kontinent, u tabilħaqq is-sinagogi m'humiex inqas Ewropej mill-knejjes. Qabel ma tela' San Pietru, kien hemm it-tempju f'Ġerusalemm. Minkejja paraguni u similaritajiet li hemm ma' ċiviltajiet oħrajn - Eġizzjani, Indjani, Ċiniżi - li nfluwenzaw lill-Ewropa, kif hi nfluwenzat lilhom, f'din in-nisġa, fuq din it-tila wieħed jista' jsib rappreżentazzjoni ta' l-Ewropeanita', fi spazju territorjali u f'ambitu ta' żmien, li m'huwiex sempliċiment ħlieqa ta' l-immaġinazzjoni jew pretest għal żvilupp ekonomiku-politiku.

F'dan il-proċess pero' ġraw żewg affarijiet li huma ta' importanza enormi b'riperkussjonijiet li jolqtu fil-laħam il-ħaj, u li bilfors jikkomplikaw il-proġett Ewropa, anki jekk fl-istess ħin jistgħu jarrikkixxuh. Skond il-ħmira.

L-ewwel fattur indisputabbli huwa l-'istat-nazzjon'. Stat-nazzjon ġeneralment b'sentimenti mifruxa ta' identita'; imperattiv territorjali; imgħoddi parteġġjat; aspirazzjonijiet komuni għal għajxien aħjar; etniċita' separata, għalkemm qatt pura,

---

[10] Ara per eżempju lil Beloff, *op.cit.*, *passim*.

sikwiet imfissra b'lingwa partikolari.[11] Bid-daqqa fuq is-sovranita' popolari li dwiet mar-rivoluzzjonijiet fl-Amerika u fi Franza fis-seklu tmintax, u s-sulluzzu tas-seklu dsatax li wassal għall-unifikazzjoni ta' stati ġodda, l-'istat-nazzjon' inħoloq, issoda u m'huwiex se jisfuma fix-xejn bit-tixjir ta' xi bakketta maġika, la minn Romano Prodi u lanqas minn Giscard d'Estaing. Dan jafuh biżżejjed. Bħall-Ewropa antiċipata, in-nazzjon jista' jkun inqas magħluq, inqas ċentralizzat, aktar integrat fi pjan usa', b'viżjoni li tittraxxendi l-borduri; iżda ma jistax u m'għandux ikun sempliċement espressjoni ġuridika, ekonomika jew politika. Wisq inqas jista' jinbela' bħal Jona f'żaqq il-balena. Biex isseħħ rikonċiljazzjoni ta' diversita' fl-unita', trid tinbidel il-balena u ssir ħuta differenti - jew aħjar kavetta hut. Fi studju dwar "Language and Nationhood" ippruvajt nuri kif la ċ-ċentri u lanqas il-periferiji m'huma neċessarjament fissi fiż-żmien, jisfumaw, iċedu u jalternaw, għalkemm is-setgħa deċizjonali normalment tirrikjedi forza akbar minn dik ċirkostanzjali jew imqar ġeografika.[12] Jiddependi wkoll minn kif wieħed jagħġen u jrawwem lill-ġenerazzjonijiet futuri, ngħidu aħna permezz ta' tagħlim aġġornat dwar l-istorja ewropea tas-seklu għoxrin, speċjalment issa li l-Ewropej jinħtieġu li jwarrbu kemm jista' jkun il-firdiet, idewwu l-feriti, inaqqsu l-preġudizzji u l-eġemonji nazzjonalistiċi.[13] "The characteristic nationalist movements of the late twentieth century are essentially negative, or rather divisive", skond Hobsbawm. "Hence the insistence on 'ethnicity' and linguistic differences, each or both sometimes combined with religion."[14] Fl-istess waqt in-nazzjonaliżmu liberali ra risorġiment intellettwali, romantiku, artistku, imnebbaħ u misjuq minn sentimenti patrijotiċi, Verdi fl-opra per eżempju, biex insemmi biss wieħed. Li jixxellfu s-setgħatat tas-sovranitajiet statisti antiki hu tajjeb meta dan iseħħ f'qafas ta' drittijiet u obbligi komuni fi ħdan Ewropa intelliġġibbli, rikonoxxibbli, viċina lejn iċ-cittadinanza. Li ma jistax u m'għandux jitħalla hu s-sottovalutar jew id-dispreġġjar tan-nazzjonijiet, għaliex huma t-tradizzjonijiet ta' dawn li fi ftehim u għarfien akbar ta' xulxin jarrikkixxu lill-Ewropej u jippermettulhom li jersqu lejn xulxin. L-oppost iwassal għall-oppost. L-istat hu entita' ġuridika b'espressjoni politika. In-nazzjon, li minnu suppost joħroġ, hu entita' umana b'espressjoni kulturali. La l-istat, u wisq inqas is-super stat, ma jista' jaffordja li jimminaċċja l-eżistenza ħajja tan-nazzjonijiet. Anki t-territorjalita' reġjonali tiġbor fiha kejliet qawwija ta' nazzjonalita' u titlob sussidjareta' devoluta fil-kunċett u fl-operat. U mhux Nord-Sud biss.

---

[11] Ara Leon Poliakov, *The Aryan Myth. A History of Racist and Nationalist Ideas in Europe* (Lond., 1974), *passim.*

[12] Henry Frendo, 'Language and Nationhood. Some Comparative and Theoretical Approaches to the Maltese Experience', f'*Collected Papers* (ed. R. Ellul Micallef u S. Fiorini, Univ. ta' Malta, Valletta, 1992), pp.439-472.

[13] Henry Frendo, 'Can a New History save Europe from its past ?', f'*Towards a pluralist and tolerant approach to teaching history : a range of sources and new didactics* (Kunsill ta' l-Ewropa, Strasbourg, 1999), 27-44. Ara wkoll Hermann Schafer (ed), *The Culture of European History in the 21st Century* (Haus der Geschichte, Bonn, 1999).

[14] E.J.Hobsbawm, *Nations and Nationalism since 1780* (Cambridge, 1990), p.164.

jekk qatt kienet.

It-tieni fattur kruċjali huwa dan. Id-definizzjoni ta' Toynbee m'għadhiex tgħodd, Jidher li l-Kristjaneżmu ppermetta, ried jew ma riedx, is-sekularizazzjoni tal-moħħ Ewropew, biex nuża t-termini ta' Owen Chadwick.[15] Skond dan it-twemmin, wara kollox, il-bniedem kellu rieda ħielsa, kien liberu li jagħżel. Imma l-Ewropa, dik l-Ewropa li tul is-sekli trabbiet u ħadet is-sura ġeneralment f'kontraposizzjoni ma' l-Islam u l-Orjent, illum tgħodd fiha miljuni ta' Misilmin u nies ta' denominazzjonijiet oħra, hekk kif tgħodd fiha miljuni ta' Ewropej indiġeni li ma jħaddnux jew ma jipprattikawx ir-reliġjon tradizzjonali u l-moralita' fl-iskala ta' valuri assoċjata miegħu. Ma jfissirx li dawn, għax anjostiċi jew ateji, m'għandhomx valuri ċivili, sekolari, anki profondi, fl-ambjent ta' l-Ewropa, u anki lil hinn minnha. Ifisser li l-kampnar m'għadux il-kejl tagħha: la dak Gotiku, la dak barokk, la dak manjerista u lanqas ta' xi għamla arkitettonika oħra. Il-għaġna fis-sistemi ta' valuri, fl-atteġġjamenti, kif ukoll fil-komposizzjoni etnika ta' l-Ewropa nbidlet - in parti tant kemm bl-imperjaliżmi tagħha ġiet esposta għat-taħlit; in parti minħabba mobbilta' akbar; in parti għal raġunijiet ta' żbilanċi ekonomiċi, distakk fl-istili ta' għajxien, kambjamenti demografiċi anki fir-rati tat-twelid, u ħtiġiet ikanġu fid-dinja tax-xogħol. Il-korretezza politika lil dan it-taħlit, kultant aġitat, bdiet issejaħlu 'multi-kulturaliżmu', iżda l-preżunt tat-tolleranza reċiproka iħfef jingħad milli jitwettaq.[16] Mill-*blueprint* 'monista' ta' Locke u Mill għaddejna għall-pluralita' kulturali f'natura umana identika ta' Vico, Montesquieu, Herder; umbgħad, eqreb lejna, għall-aċċettazjoni liberali tad-diversita', kulturali u morali, per eżempju fit-teoriji ta' John Rawls. Madankollu, kif osserva Biku Parekh, soċjeta' multi-kulturali ma tistax tkun stabbli u tissopravivi wisq mingħajr ma tiżviluppa "sens komuni ta' appartenenza fost iċ-cittadini tagħha."[17]

Fuq is-saff ta' l-identita' klassika, neoklassika, rinaxximentali u post-fewdali, strieħ is-saff ta' l-iżvilupp kapitalista u ndustrijali li biddel ir-relazzjoni bejn il-klassijiet u ħoloq oħrajn ġodda, filwaqt li seħħew żviluppi ġganteski f'kull qasam tal-ħajja moderna, mit-tren u t-telegrafu sal-pillola u l-internet. F'dawn, il-klassiku u l-modern, l-Ewropa kienet, u sa ċertu punt baqgħet, protagonista u fl-avangwardja, x'aktarx tfittex u tippremja l-ħila u s-suċċess: kalamita għal ħafna li fil-pajjiżi rispettivi tagħhom kienu inqas ixxurtjati. Dawn issa, bla dubju, qegħdin jinserixxu ruħhom u jimmodifikaw l-identita' Ewropea f'waħda multi-kulturali u saħansitra f'waħda multi-lingwistika aktar milli kienet fl-aħħar sekli.

L-ebda identita' m'hi statika, u jekk din kienet mono-dimensjonali m'għadhiex. Dak li jrid isalva l-identita' Ewropea kontemporaneja għall-futur, apparti l-ġeografija, ix-xenarju u l-passat li ma jmutx, huwa d-demokrazija parlamentari, l-iżvilupp ekonomiku, l-enerġija krejattiva, il-protezzjoni tal-paċi bejn il-pajjiżi nfushom, it-tolleranza fi ħdan qafas miftiehem ta' valuri umani u interessi reċiproċi rispettati.

---

[15] Owen Chadwick, *The Secularization of the European Mind in the 19th Century* (Cambridge, 1975 ; ed.1990).

[16] Għal rendikont attwali ara *Eldorado or Fortress? Migration in Southern Europe* (ed. Russell King, Gabriella Lazaridis u Charalambros Tsardanidis ; Lond., 2000).

[17] Biku Parekh, *Rethinking Multiculturalism : Cultural Diversity and Political Theory* (Lond., 2000), p. 341.

Ħaġ'oħra hi din. Il-kumditajiet tas-soċjeta kunsumatriċi, misjuqa minn media tal-massa sikwiet immotivata' mill-kwantita' mhux mil-kwalita', m'għandhomx irattbu jew ixejnu l-valuta ta' l-intellett fl-aspirazzjonji għal dak li hu l-aqwa u l-aħjar. L-Ewropa ma tistax tieħu 'for granted' il-kisbiet li mexxielha tottjeni grazzi għal ingaġġ xjentifiku u artistiku li nfluwenza mill-qiegħ il-komportament u l-avvanz. Din hi biża reali li qegħda kull ma tmur turi ruħha, u mhux biss f'ambjenti provinċjali jew periferali fejn il-kobor, jew aħjar iċ-ċokon, baqa' definit mid-daqs. Fl-artiklu riċenti tagħha 'Excellence is not a sin' bi kritika għac-*chairman* tal-bord tad-diretturi tal-BBC, Cristina Odone, deputat editur tan-*New Statesman*, kitbet hekk:

*It is all right for us to seek out the best cancer specialist, shop at the top quality greengrocer, and support Beckham on best form. But God help you if you say Simon Schama is better than EastEnders, or that Nick Hornby is not Jane Austen. When did excellence become elitist?...In the name of multiculturalism, we lose Mozart.*

Skond dan, hija ssukktat, "excellence is not a universal, understood by all people everywhere, but a feature that changes in the eye of the beholder, depending on their particular socio-economic, ethnic and racial profile. Maybe reducing the ultimate aim of ambitious people to a bit of insignificant relativism, is the public service in ~~in~~ public service-broadcasting."[18]

Attakk aħrax ieħor kontra l-istess Gavin Davies (li sejjaħ lil dawk li riedu *standards* ogħla fix-xandir pubbliku bħala "white, middle-class, middle-aged whingers") inkiteb minn Mary Riddell, li staqietu x'kien imiss jekk Rolf Harris kien sar "the jewel of arts programming". "We are losing faith in old institutions", hija kompliet, "and they are losing faith in us."[19] Fl-istess vena għad li waħda iżjed dispreġjattiva, fl-artiklu tiegħu 'Where are Europe's big ideas', Jonathan Fenby staqsa: "The dearth of new ideas, of major cultural innovation, of serious debate about the future has become a hallmark of the way we live now... Which European authors or thinkers set the world alight as they once did?"[20]

Mistoqsijiet tqal, li ma tantx isiru, tajbin għax inkwiżittivi; importanti li jitqegħdu fuq l-agenda anki fi Brussel. Dan hu diskors ewropew li għandu jingaġġa fid-djalettika tal-ħsieb f'tiswir struwit tal-ġejjieni. M'huwiex nispera 'razzizmu kulturali', kif jittanta jsejjaħlu Sulman Rushdie, għaliex il-preżunt m'għandux ikun wieħed ta' assimilazzjoni furzata, almenu mhux f'dak li m'huwiex essenzjali. Mill-banda l-oħra, l-Ewropa fil-qalba tagħha m'hijiex l-Afghanistan jew in-Niġerja, lanqas hi l-Alġerija jew il-Libja. Hu dover

---

[18] Cristina Odone, 'Excellence is not a sin. The BBC's Gavyn Davies is wrong to sneer at the intellectual elite', *The Obsererver*, 17 Mar. 2002, p. 27.

[19] Mary Riddell, 'Now add a pinch of salt. The Prime Minister and Prince Charles might deplore the idea, but cynicism keeps us sane ', *ibid.*, p. 28.

[20] Jonathan Fenby, 'Where are Europe's big ideas ? After a century of intellectual tumult, Europeans have lost the whill to change things for the better', ibid., p.31.

ta' l-Ewropa li ma tingħalaqx fiha nnifisha u tgħin fejn tista' lil ħaddieħor jintrefa;' u jinfetaħ. Daqstant ieħor hu dover tagħha li tagħraf lilha nnifisha kif evolviet bil-ġenju tagħha, diversa imma sħiħa, b'affinitajiet li jinħassu, sija kulturali, sija politiku. L-Ewropa ma tistax tisfa' vittma tat-teknoloġija mmanipulata għal skopijiet primarjament kummerċjali fejn id-denominatur kumuni ikun dak l-aktar baxx, inkella min se jogħla, min se jibbrilla, min se jeduka, fejn hu l-mertu?

F'multepliċita' u eteroġenejita' nkwadrati fir-rispett għall-valuri bażiċi għas-sistema politika pluralista, in-nazzjonijiet ta' l-Ewropa fil-proġett Ewropa jistgħu, bil-galbu, iwelldu u jrawmu identita' inter-attiva, varjata, arrikkita, eżemplari. Mhux faċli, imma l-wirt u l-potenzjal hemm qiegħed; irid iżjed iskop, iżjed spazju.

Jekk, kif darba sostna Max Weber, in-nazzjon-stat kien l-uniku eżistu politiku tal-modernita', id-demokrazija f'solidarjeta' soċjali, fejn l-individwu jibqa' jgħodd, jaf ikun l-akbar don ta' l-Ewropa unita liċ-civilta'.

Malta European Studies Association
Radisson Hotel
21/III/2002

*Henry Frendo ilu mill-1992 Professur ta' l-iStorja fl-Universita' ta' Malta fejn qabel huwa serva bħala Professur Assoċjat. L-awtur ta' bosta kotba bl-Ingliż u bil-Malti, kapitli f'kotba, kontribuzzjonijiet f'enċiklopediji, u artikli f'rivisti li ħarġu f'għadd ta' pajjiżi differenti, huwa ħadem f'diversi universitajiet fl-Ewropa, l-Awstralja u l-Amerika. Fl-2001 Henry Frendo inħatar membru sħiħ tal-kumitat ta' esperti indipendenti tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-gvern lokali u reġjonali, kif ukoll president tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refuġjati f'Malta. L-iżjed kotba riċenti tiegħu huma dawn: Ċensu Tabone: The Man and His Century (2000, 2ni ed. 2001), The Origins of Maltese Statehood: A Case Study of Decolonization in the Mediterranean (1999, 2ni ed. 2000), Attard: The Life of a Maltese Casale (1997), Malta: Culture and Identity (ko-editjat flimkien ma' Oliver Friggieri, 1994), Maltese Political Development, 1798-1964: A Documentary History (1993), Maltese Journalism, 1838-1992 (1993), Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience (1979, 2ni ed. 1991), Malta's Quest for Independence: Reflections on the Course of Maltese History (1989).*